

# “L-Istatwa Titulari tas-Sultana Tagħna Fostna”

Mario Fenech

Is-sena 2018 ser tibqa' miktuba b'Ittri tad-Deheb fl-Istorja tal-Parroċċa tas-Sacro Cuor u tal-Każin tal-Banda “Sliema” għal żewġ raġunijiet.

L-ewwel waħda hija dik tal-għeluq tal-100 sena mit-Twaqqif tal-Parroċċa, filwaqt li t-tieni raġuni hija dik taċ-Ċerimonja Solenni tal-Inkurunazzjoni tal-Istatwa Titulari tal-Madonna Sultana tal-Qalb Ħelwa ta' Ġesù.



*Is-Sur Mario Fenech taħt l-Istatwa tas-Sultana Tagħna*

Din l-Istatwa tal-Madonna kienet ġiet ordnata minngħand l-istatwarju Glormu Darmanin f'Jannar tal-1879 minn Giuseppe Galea li kien ser iħallas għal l-ispejjeż tagħha flimkien ma Dun Pawl Vella. Dawn kienu talbu lill-istatwarju biex din l-Istatwa tkun tixbaħ lil dik li kienet ġiet approvata mill-Papa Piju IX nhar is-26 ta' April 1876.

Din l-Istatwa kellha tkun l-aħħar xogħol li kien għamel l-istatwarju Darmanin għaliex miet nhar it-3 ta' Awwissu fl-età ta' 45 sena fid-dar tiegħu fl-Isla. Mill-ħanut ta' Darmanin l-Istatwa ġiet meħuda għand Francesco Gauci biex tiġi mizbugħa u ndurata. Tlestiet mix-xogħol kollu f'Jannar tas-sena 1880 u sa kemm kienet damet esposta fil-ħanut tiegħu bosta kienu dawk in-nies li kienu marru biex jarawha fejn kienet intgħoġbot ħafna.

Minħabba l-fatt li l-bini tal-Knisja l-ġdida f'Tas-Sliema kien għadu mhux lest, is-Sur Giuseppe Galea kien mar għand l-Arċisqof biex jitolbu l-permess biex l-Istatwa tiġi meħuda fil-Knisja ta' Sant'Ursula fil-Belt. Dan il-permess ingħata u ġie ddelegat Dun Francesco Caruana biex dan ibierek din il-Vara l-ġdida. Ittieħdet fil-Knisja nhar il-31 ta' Jannar 1880 u ġiet imqegħda f'niċċa u tpoġġiet kaxxa quddiemha biex fiha jinġabru l-offerti għall-bini tal-Knisja l-ġdida.

Damet f'din il-Knisja ta' Sant'Ursola sal-25 ta' Ġunju 1881 meta ġiet meħuda lejn tas-Sliema fil-Villa tan-neguzjant Falzon fi Triq ix-Xatt.

Ġiet meħuda proċessjonalment lejn il-Knisja tagħha l'għada s-26 ta' Ġunju, fejn daħlet biex tibqa b'imħabba kbira mid-devoti tal-Madonna li dejjem resqu bi ħġarhom lejHa.

Matul l-ewwel snin li kienet ilha fil-Knisja nħadmu l-bradella, il-pedistall u r-Raġġiera tal-Injam li ġew indurati bid-deheb. Saru wkoll erba' anġli żgħar bis-simboli f'idejhom għal madwar il-pedistall.

Fis-sena 1899 saru l-Kuruni tal-Fidda għal fuq ras



*L-Ewwel Purċissjoni – 2 ta' Lulju 1911*



*Il-Knisja armata għall-Festi tal-Qalb ta' Ġesù u tas-Sultana Tagħna*



*Il-Knisja armata għall-Festa tas-sena 1913 meta sari l-Predestall il-ġdid*



*L-Istatwa fuq l-Artal Maġġur għall-Festa tal-21 ta' Ġunju 1942*



*L-istatwa wara s-serqa sagrilega – 1942*

il-Madonna u l-Bambin. Kien jonqos issa li jingħata l-permess biex din l-Istatwa tkun tista' tinħareġ Processjonalment. Jidher li dan il-permess kien ħa xi ftit fit-tul biex inħareġ, tant hu hekk li wara waħda mill-Funzjonijiet li kienu qegħdin isiru fil-Knisja waqt il-jiem tal-Festa numru t'irġiel qabdu l-Istatwa u ħarġu biha mill-Knisja għat-triq. Kien inqala nkwiet kbir u kien hemm min weħel ukoll xi jiem fil-ħabs. Iżda dan il-fatt kellu jkun ta'ġid biex fl-1911 nħareġ il-permess meħtieġ u saret l-ewwel Purċissjoni bil-Vara tas-Sultana Tagħna b'mod uffiċċjali.

Dan l-iżvilupp wassal għal ħtieġa li l-Istatwa tiġi ndurata mill-ġdid u jsir il-Pedistall li għandha llum. Dan sar fis-sena 1913, kien ġie ddisinjat u maħdum mill-Iskultur Carmelo Theuma mill-Belt. Salvu Brincat għamel l-induratura u l-interzjar tal-Vara f'din l-istess sena. Meta nħadem il-pedistall il-ġdid ir-raġġiera li kien hemm qabel tal-injam ma setgħetx tintuża u għaldaqstant Il-Vara tal-Madonna damet xi żmien mingħajr ir-raġġiera.

Fis-sena 1918 il-Knisja saret Parroċċa u bdiet issir il-Festa b'mod Solenni u bil-parteċipazzjoni ta' ħafna nies li kienu jiġu minn postijiet oħrajn biex jaraw il-Vara tant sabiħa fil-Purċissjoni.

Is-Sena 1923 kienet waħda importanti għal din il-Parroċċa. Dan għaliex fi Triq Santa Marija nfetaħ Iċ-"Circolo Nostra Signora" li mbagħad biddel l-isem għal dak ta' Soċjetà Filarmonika "Sliema". Fl-Istess sena s-Sliemiż li kien minn din l-istess Parroċċa Giuseppe Madiona ħadem il-kapolavur tiegħu għal din il-vara, ir-Raġġiera tal-Fidda li tħallset mid-Devoti tal-Madonna bil-idma ta' Patri Felic Grima O.F.M. Fuq il-Pedistall tpoġġew erba' Ġilji tal-fidda maħduma fil-filugranu.

Il-Vara tal-Madonna baqgħet fil-Knisja wkoll waqt iż-żmien tat-Tieni Gwerra Dinjija fejn kemm il-Knisja kif ukoll il-Kunvent tal-Patrijiet kienu intlaqtu bil-bombi.

It-tieni niċċa tal-Madonna, dik li llum hemm fiha l-Istatwa ta' San Franġisk tlestiet ftit taż-żmien wara l-gwerra fis-sena 1947.

Dak li ma għamlux il-bombi fuq il-Vara tal-Madonna għamluh l-idejn Sagrileġji li nhar id-9 ta' Frar 1949 matul il-lejl serqu l-Kuruna tal-Bambin u xi ċrieket li kellha f'subgħajha l-Madonna. Min seraq dawn iċ-ċrieket qaċċat ukoll is-swaba t'dejn il-

Madonna biex seraq il-Qalb li kellha f'idejHa.

Id-Devoti tal-Madonna b'qalbhom maqsuma għal dak li raw quddiem għajnejhom malajr ħasbu biex ipattu għal dan is-Sagrileġġ. Offrew dak kollu li setgħu bejn deheb u ħaġar prezzjuż biex fi żmien qasir l-argentier Edward Madiona li dak iz-zmien kellu biss 22 sena ħadem il-Kuruna għal fuq Ras il-Madonna b'dak li kienu offrew in-nies. Biex dawn il-Kuruni jkunu pariġġ xulxin huwa ħadem ukoll il-Kuruna ta' fuq Ras il-Bambin li tħalset mis-Sur Ganni Farrugia minn Ħaż-Żebbuġ.

Dawn il-Kuruni kienu tpoġġew fuq ras il-Madonna u l-Bambin nhar it-18 ta' Ġunju 1950.

Il-Qalb tad-Deheb li għandha f'idejha il-Madonna nħadmet mill-argentier Tommaso Micallef u tħallset mill-aħwa Louis u Marija Carmela Bonaci. Argentier ieħor Slimiż Is-Sur Gorg Mifsud ħadem is-sandli tal-Madonna li jintrama waqt il-jiem tal-festa minflok dak ta' matul is-sena li kien nħadem fil-fidda mill-argentier Tommaso Micallef.

Fis-sena 1961 inħadmet il-Bradella l-ġdida li għandha l-Vara illum. Ġiet maħduma fil-ġewż Afrikan u l-bronż minn Guzeppi Galea ta' Ħal-Luqa fuq id-disinn ta' Carmelo Tonna tar-Rabat.

It-Tielet niċċa tal-Istatwa tal-Madonna tlestiet fis-sena 1970. Minn dak in-nhar l'hawn kull min jidħol fil-Knisja jara mhux biss il-Vara tal-Madonna bil-Pedistall, iżda wkoll ix-xogħol sabieħ li għandha l-bradella tagħha.

Waslet is-sena 1977 meta kien qiegħed jiġi ċċelebrat għeluq il-100 Sena mit-tqegħid ta l-ewwel ġebla tal-bini tal-Knisja. Iż-żgħażagħ li dak iż-żmien kienu jieħdu ħsieb l-armar tal-Festa minbarra li kienu offrew sett gandlieri tal-fidda għal fuq l-Artal Mejda tal-Knisja, urew ix-xewqa li s-sħab li fuqu tistrieħ il-Madonna jinkesa bil-fidda. Dawn bdew joffru xi ħaġa tal-flus kull ġimgħa. Xi devoti oħrajn ukoll taw id-donazzjonijiet tagħhom. Għal darb'oħra daħal għal dan ix-xogħol l-argentier Edward Madiona mill Parroċċa. Dan ix-xogħol kien lest erba' snin wara, sewa' is-somma ta' 2000 Lira u tbierek nhar is-27 ta' Ġunju 1981.

Fis-sena 1984 zewġ persuni xtaqu jagħtu rigal speċjali lill-Madonna għal grazzja li kienu qalaw. Dawn xtaqu li jagħmlu sandli zgħir tal-fidda maħsul bid-deheb u ornat bil-ħaġar prezzjuż għal riġlejn il-Bambin. Reġa' ġie mqabbad l-arġentier Edward Madiona biex jagħmel dan ix-xogħol. Tqiegħed f'riġlejn il-Bambin fil-Festa ta' dik is-sena.

Fis-sena 1988 sar il-Pavaljun il-ġdid li jintrama fuq il-Vara tas-Sultana Tagħna waqt il-jiem tal-Festa.



*L-Istatwa fit-tieni niċċa tagħha fis-sena 1952 bil-Kuruni li kienu saru ġodda wara s-serqa*




*Dettall tal-Qalb tad-Deheb li għandha f'idejha l-Madonna*


Dettal tal-Kuruni tal-Madonna u l-Bambin


Il-Pedistall tal-Vara Titulari


Il-Bradella tal-Vara Titulari tal-Madonna tas-Sacro Cuor


Il-Vara mingħajr ir-Raġġiera qabel ma' ġiet meħuda għall-Induratura

Waslet is-sena 1997 u d-Devoti tas-Sultana Tagħna kellhom jiċċaħdu mill-ġmiel bla qies ta' din il-Vara tal-Madonna għal perjodu ta' żmien. Il-Gwardjan Patri Martin Coleiro kien ħabbar il-proġett tar-Restawr tal-Vara, għaldaqstant din kellha tiżżarma mill-ornamenti kollha tagħha u nħarġet mis-Santwarju nhar il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu biex ġiet meħuda fil-ħanut tal-induratur magħruf Horace Farrugia tal-iMdina biex juri l-ħiliet kbar tiegħu f'dan ix-xogħol.

Kien żmien meta li kieku fil-Knisja ma kienx hemm fiha s-S.S.M.U. Sagrament kienet tkun vojta għal kollox!!!!! In-Niċċa vojta kienet ta' swied ta' Qalb għal kull min kien jidħol fil-Knisja. Dan kellu jdum sal-Aħħar Erbgħa ta' qabel il-Festa tas-sena 1998. Il-Vara tas-Sultana Tagħna nġiebet matul il-lejl ta' qabel u ddaħħlet f'tinda li ntramat għall-okkażjoni fix-Xatt.

L-għada il-Vara tas-Sultana Tagħna ġiet imtella f'Purċissjoni akkumpanjata mill-Banda Ċittadina "Sliema" minn Triq Manwel Dimech għal ħdejn l-Għassa, għaddiet għal Triq Rudolfu u Triq San Trofmu fejn ġiet imdaħħla lura fit-Tempju ddedikat lilHa fost il-ferħ ta' dawk kollha preżenti.

Kienet waħda mill-isbaħ xogħlijiet li għamel l-induratur Horace Farrugia li hu stess kien jgħid li kien iħoss xi ħaġa speċjali meta kien jidħol fil-ħanut tiegħu biex jaħdem fuq l-Istatwa tal-Madonna. L-istess qal l-artist Michael Camilleri Cauchi li



*Il-Vara armata għas-sena taċ-Ċentinarju - 1977*



*Il-Vara tas-Sultana Tagħna dieħla lura fil-Knisja l-għada li nħarqet il-faċċata tal-Każin tas-Soċjetà Filarmonika "Sliema" li kienet tkun miksija bil-fjuri tal-karti – Lulju 1983*



*Il-Vara Titulari lura mir-restawr waqt il-purċissjoni mix-Xatt għall-Knisja akkumpanjata mill-Banda Ċittadina "Sliema" – 1998*

għamel ix-xogħol tal-karnaġġjon tal-Madonna u tal-Bambin.

Xogħol ieħor li sar ftit tas-snin ilu kienu l-fosos iż-żgħar li tqegħdu f'nofs l-istilel li hemm fit-truf tar-Raġġiera li wħud minnhom tħallsu mir-reffiegħa tal-Vara.

Kien fadal xewqa kbira li l-antenati tagħna flimkien mal-Patrijiet Franġiskani minn dejjem xtaqu li jaraw li sseħħ. L-Inkurunazzjoni tal-Vara Tas-Sultana Tagħna b'mod Uffiċċjali u Solenni.

Dan huwa l-appuntament importanti li l-Parroċċa tagħna għandha għax-xahar ta' Settembru li ġej.

Bi ħrara liema bħala qegħdin nistennew dan il-Jum Kbir għall-parroċċa tagħna taħt il-ħarsien ta' din Ommna Marija, il-kenn tagħna fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

Dak li bdew missirijietna
b'umiltà u bi tbatija
issa wasal fl-awqa tiegħu
b'kant ta' ferħ u armonija.

Biex nuruk l-imħabba tagħna
biex 'il fuq dejjem narawk
b'festa kbira ppreparata
b'qima devota minkurunawk.

*Ritratti provduti bil-kortesija tas-Sur Mario Fenech*

Inkurunazzjoni tal-Istatwa tas-Sultana tal-Qalb Ħelwa ta' Ġesù

*Sliem għalik, omm u qaddejja tiegħu*

*Tas-Sliema*

**29 ta' Settembru 2018**

**Jum il-100 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa**